**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2017**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 29 ta' Awwissu 2017 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex il-kandidati jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw **TLIET** temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu **WAĦDA** minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mas-suġġett **(Total: 4 marki)**

N.B.: L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. L-Espressjoni

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza **(Total: 6 marki)**

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-kandidati jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

# GĦALL-EŻAMINATURI

1) **Is-sigurtà fuq il-baħar**

- F'Malta żdiedu l-opri tal-baħar liċenzjati. Issa hawn mal-21,000 biċċa tal-baħar.
- Fis-sajf tal-2015, l-awtoritajiet ħarrku 300 sid ta' dgħajsa. Il-biċċa l-kbira tħarrku fuq sewqan b'veloċità qawwija.
- L-awtoritajiet jagħmlu ħafna rondi biex jaraw li d-dgħajjes jobdu l-liġi, speċjalment fil-bajjiet.
- Taħseb li qed jiżdiedu l-inċidenti fuq il-baħar?
- Barra l-periklu għall-għawwiema mill-bċejjeċ tal-baħar, hemm perikli oħrajn: Il-maltempati li fihom jissograw ħajjithom il-baħħara, is-sajjieda u dawk li jkunu qegħdin jaħarbu minn pajjiżhom minħabba l-qagħda li jkun jinsab fiha.
- Kif nistgħu nevitaw id-diżgrazzji fuq il-baħar, kemm fil-każ tal-Maltin kif ukoll tat-turisti u l-immigranti?
- L-imwiet u l-inċidenti ta' turisti li jew jissugraw jew ma jkunux konxji tal-periklu waqt li jkunu qed jgħumu jew jogħdsu.
- Irridu:
  - nagħtu kas tal-avviżi dwar baħar qawwi u postijiet mhux tajbin għall-għawm,
  - ma ngħumux f'baħar qawwi jew mimli kurrenti,
  - narmaw ruħna b'mediċini u apparat apposta,
  - ma nissugrawx bla bżonn fil-qbiż.
- Il-baħar bħala delizzju, bħala żvog, bħala ġid għas-saħħa, bħala terapija...
- Il-perikli marbutin mat-tniġġis ambjentali: żjut, skart, drenaġġ...

2) **Malta bħala destinazzjoni turistika**

- Tista' tgħid li f'dawn l-aħħar snin, kull sena Malta rat żieda ta' madwar 100,000 ruħ fl-għadd ta' turisti li jżuruha. Tħossha l-preżenza tagħhom fil-ħajja ta' kuljum?
- Xi kemm taħseb li jiġu turisti (inklużi dawk fuq il-cruise liners) f'sena? Mal-miljun u tmien mitt elf ruħ (1,800,000).
- Hemm limitu għal kemm tiflaħ tilqa' turisti Malta?
- Jekk iva, għaliex?
- Effetti fuq l-infrastruttura tal-pajjiż, bħat-toroq, il-bajjiet, it-trasport pubbliku, id-djar, l-appartamenti, il-lukandi, x'nagħmlu bl-iskart; u fuq ir-riżorsi, bħall-ilma u l-elettriku, u l-arja.
- Effett fuq dawk li jgħixu f'Malta (430,000 ruħ fi spazju limitat ta' 316 $km^2$): iffullar kullimkien, traffiku ikbar fit-toroq...
- Effett ieħor huwa l-preżenza ta' ħafna ħaddiema barranin fil-qasam tal-ospitalità.
- X'joffrilhom pajjiżna lit-turisti?
- L-istorja ta' pajjiżna; lukandi lussużi; attivitajiet kulturali; tradizzjonijiet; festi; klima; taħlita ta' ġmiel arkitettoniku u ġmiel naturali, bħal fil-portijiet; ħafna turisti ma jsibux problemi ta' lingwa; isibu nies dħulin u li x'aktarx jgħinuhom; ikel simili għal tagħhom jekk ikunu Ewropej; distanzi qosra minn post għal ieħor; destinazzjoni fejn tista' tipprattika tipi ta' sport partikolari, bħall-għads u l-ibburdjar.
- Uħud jiġu biex jitgħallmu l-Ingliż.
- Minn liema pajjiżi taħseb li l-aktar jiġu turisti?
- Fl-ewwel erba' postijiet: ir-Renju Unit (nofs miljun), l-Italja, il-Ġermanja, u Franza.
- Taħseb li nilqgħuhom tajjeb lit-turisti? Jew moħħna biss biex nisolħuhom?

3) **Ħwienet u gyms li jibqgħu miftuħin il-ġurnata kollha**

- Għandu jkun hawn ħwienet li jiftħu l-ġurnata kollha, lejl u nhar, li ma jagħlqu xejn? Dawn jeżistu f'pajjiżi oħrajn. Jeżistu diġà f'Malta?
- Jekk iva, x'tip ta' ħwienet? Ngħidu aħna, ħwienet tal-merċa u spiżeriji.
- Hemm ukoll il-postijiet tad-divertiment.
- Każ ieħor huwa dak tal-ħwienet tal-logħob tal-azzard. Taqbel li jibqgħu miftuħin il-lejl kollu?
- Diġà għandna supermarkets, speċjalment fl-inħawi fejn jgħixu ħafna barranin, li jiftħu sal-10 ta' billejl, bil-Ħadd ukoll.
- Dan l-aħħar, barra minn Malta qed isiru popolari l-gyms li ma jagħlqu xejn u bdew deħlin f'Malta wkoll. Taħseb li hemm bżonnhom stabbilimenti ta' dan it-tip?
  - X'inhuma l-konsegwenzi pożittivi ta' bidla bħal din?
  - Konvenjenti għax-xerrejja, speċjalment għal dawk li jaħdmu bix-xift.
  - Jista' jkun li t-traffiku jitqassam ftit aħjar.
  - Konvenjenti għal dawk il-ħaddiema li jixtiequ jagħmlu ftit xogħol żejjed.
- X'inhuma l-konsegwenzi negattivi ta' bidla bħal din?
- Il-ħaddiema jkollhom jidħlu għax-xogħol f'ħinijiet mhux tas-soltu; jista' jkun li jispiċċaw jaħdmu ħinijiet twal wisq; jitħarbat il-mistrieħ tagħhom.
- Soċjetà għandha bżonn ħin meta jieqaf kollox?
- Tinbidel ir-rutina tas-soċjetà għax ma jibqax ikun hemm separazzjoni bejn il-ħin tax-xogħol u l-ħin tal-mistrieħ; il-lejl isir bħan-nhar u l-istorbju billejl jista' jħarbat lil min ikollu nagħsu ħafif.
- Għandu jkun hemm limitu fuq kemm jaħdmu sigħat il-ħaddiema?
- X'effett jista' jkollha bidla bħal din fuq aspetti oħrajn fl-istil tal-ħajja tagħna b'mod ġenerali?

4) **Inqas minn nofs il-Maltin jaqraw il-kotba fil-ħin liberu tagħhom**

- F'Ġunju tal-2017 ħarġet statistika li turi li f'sena, inqas minn nofs il-Maltin jaqraw ktieb fil-ħin liberu tagħhom. Dan ir-riżultat jissorprendik?
- Din l-istatistika tikkonferma riżultati li ħarġu minn studji xjentifiċi simili li saru fis-snin li għaddew.
- Minkejja l-insistenza tal-għalliema u l-kampanji li jsiru, ma kienx hemm żieda fil-qari. Dan ifisser li n-nies jinjoraw dak li jintqal dwar il-ġid li joħroġ mill-qari?
- Taħseb li nassoċjaw wisq il-ħtieġa tal-qari mal-progress fl-iskola?
- Għaliex taħseb li l-Maltin ma jaqrawx daqs popli oħrajn?
- Jidher li fl-Unjoni Ewropea, l-iktar nies li jaqraw il-kotba fil-ħin liberu tagħhom huma n-nies tan-naħa ta' Fuq tal-Ewropa.
- Hemm min jgħid li naqraw inqas minħabba l-klima Mediterranja. Jiġifieri aħna l-Maltin u n-nies tan-Nofsinhar tal-Ewropa b'mod ġenerali għandna ħajja iktar soċjali minn dik tan-nies tat-Tramuntana tal-Ewropa u għalhekk inqattgħu iktar ħin ma' xulxin milli waħedna naqraw. Taqbel?

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna***

- Inti taqra fil-ħin liberu tiegħek?
- X'tip ta' kotba tħobb taqra?
- Jekk ma taqrax, x'timmaġina li jistgħu jkunu l-kotba li tfittex jekk tiddeċiedi li taqra ktieb?
- X'taħseb li jista' jsir biex jiżdiedu n-nies li jaqraw imqar ktieb wieħed f'sena fil-ħin liberu tagħhom?
- Ngħidu aħna:
  - iktar nies jitkellmu fuq il-kotba li jkunu qed jaqraw fi programmi fuq it-televiżjoni;
  - attivitajiet pubbliċi li fihom tmur u tisma' lil xi ħadd jaqra minn ktieb jew jitkellem dwar ktieb;
  - pubbliċità qawwija fuq l-internet dwar il-kotba;
  - promozzjoni ta' firxa sħiħa ta' kotba, minn stejjer u poeżiji sa kotba dwar l-istorja ta' Malta u tad-dinja, dwar l-ikel, l-ambjent, ir-reliġjon, is-saħħa, u l-bqija.

5) **Il-Maltin kemm jieħdu ħsieb saħħithom?**

- X'inhuma l-iktar fatturi li jaffettwaw is-saħħa tal-Maltin?
- L-ikel, l-eżerċizzju, il-vizzji l-iktar komuni.
- L-ikel: nieklu bil-qies? Għandna dieta bilanċjata?
- Aħna nużaw l-ikel biex niċċelebraw: imma b'liema tip ta' ikel niċċelebraw?
- L-eżerċizzju: għandna kultura ta' attività fiżika regolari? Tara ħafna nies joħorġu jimxu, jiġru, imorru l-gym, jew jgħumu.
- Il-popolarità tal-gyms u l-attività fil-beraħ. Liema tippreferi?
- Il-vizzji l-aktar komuni (it-tipjip, ix-xorb, il-mediċini). It-tipjip donnu naqas, imma jista' jkun li x-xorb żdied. X'effett għandhom fuq is-saħħa dawn il-vizzji?
- Il-kultura tal-*'happy hour'*, bħallikieku biex tieħu pjaċir trid tixrob.
- L-internet bħala sors ta' informazzjoni. Għandna l-edukazzjoni meħtieġa biex nagħżlu l-aħjar informazzjoni medika? Min jista' jgħinna?
- Check-ups u testijiet regolari għand it-tobba u għand id-dentisti.
- L-abbuż mill-mediċini. Hemm min jieħu l-pilloli bl-addoċċ; hemm min ma jkunx irid jieħu għax jibża' minnhom jew ma jemminx fihom.
- Is-safar u l-kura tas-saħħa. Kultant is-safar jagħmel tajjeb għax iżid l-attività fiżika; kultant ikun ta' detriment, bħal meta tmur cruise u tispiċċa tiekol ħafna u tiċċaqlaq ftit.
- Il-mixi bħala delizzju, anki barra minn Malta (ngħidu aħna Sqallija).
- Id-dehra jew is-saħħa; kultant il-fissazzjoni bid-dehra tgħin biex il-persuna toqgħod attenta għal saħħitha; kultant jaħdmu kontra xulxin.
- Hemm id-dieta tal-mument, ngħidu aħna minħabba d-dehra fis-sajf jew minħabba li tkun ġejja xi okkażjoni, u d-dieta bilanċjata biex in-nies jieħdu ħsieb saħħithom is-sena kollha.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
SETTEMBRU 2017

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 29 ta' Awwissu 2017 |

# GĦALL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## Is-sigurtà fuq il-baħar

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2017**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 29 ta' Awwissu 2017 |

# GĦALL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## Malta bħala destinazzjoni turistika

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2017**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 29 ta' Awwissu 2017 |

# GĦALL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## Ħwienet u gyms li jibqgħu miftuħin il-ġurnata kollha

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
SETTEMBRU 2017

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 29 ta' Awwissu 2017 |

# GĦALL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## Inqas minn nofs il-Maltin jaqraw il-kotba fil-ħin liberu tagħhom

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2017**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 29 ta' Awwissu 2017 |

# GĦALL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## Il-Maltin kemm jieħdu ħsieb saħħithom?

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-MSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2017**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | I |
| **DATA:** | 4 ta' Settembru 2017 |
| **ĦIN:** | mid-9.00 a.m sa 12.05 p.m |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.

## TAQSIMA A: IL-KOMPONIMENT

**Ikteb komponiment ta' bejn 550 u 600 kelma dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti. F'dan it-taħriġ trid turi l-kreattività u l-ħila tat-tifsir tal-ħsieb bl-ordni, b'mod ċar, u bi stil idjomatiku.**

1. Il-ħtieġa tas-siġar fl-ambjent li ngħixu fih.
2. Ix-xogħol kastig jew salmura tal-ġisem?
3. Id-diversità fost il-bnedmin: sfida, theddida jew barka?
4. Hemm lok għall-kreattività fl-ilbies?
5. Relazzjonijiet sbieħ f'ċirkustanzi diffiċli.

**(Total: 15-il marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA B: TRADUZZJONI

**Agħmel traduzzjoni xierqa ta' din is-silta:**

The European Union is an economic and political union between twenty-eight European countries that together cover much of the continent. It was created at the end of the Second World War. The first steps were to foster economic cooperation. The idea was that countries that trade with one another become economically interdependent and so more likely to avoid conflict. This led to the creation of the European Economic Community in 1958. At first it increased economic cooperation between six countries. Since then a huge single market has been created and continues to develop. In 1993 the name was changed to the European Union to cover a wider political area.

*(Addattata minn "The EU in brief" fuq is-sit elettroniku uffiċjali tal-Unjoni Ewropea)*

**(Total: 5 marki)**

## TAQSIMA Ċ: IL-LINGWISTIKA MALTIJA

**Agħżel mistoqsija WAĦDA:**

1. Il-morfema hija l-iċken element lingwistiku mogħni b'tifsira. Tkellem dwar kif taħdem is-sistema morfoloġika fil-Malti u dwar l-importanza tagħha fit-tiswir tal-kliem. Agħti eżempji biex issaħħaħ l-argumenti tiegħek.

2. Minħabba li għal sekli sħaħ ilsienna ġie f'kuntatt ma' ilsna oħra differenti minnu, il-Malti żviluppa u adatta ruħu skont iċ-ċirkustanzi li sab ruħu fihom biex jibqa' jaqdi l-ħtiġijiet tal-poplu. Ikkummenta.

**(Total: 10 marki)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-MSIDA

L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
SETTEMBRU 2017

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | II |
| **DATA:** | 5 ta' Settembru 2017 |
| **ĦIN:** | mid-9.00 a.m sa 12.05 p.m |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Kull tweġiba għandha tkun twila bejn 500 u 600 kelma.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.

## TAQSIMA A: IL-POEŻIJA TAS-SEKLU XX

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet. Irreferi għal poeti u poeżiji magħżula b'mod bilanċjat mis-seklu għoxrin kollu.**

1. Fil-poeżiji tagħhom dwar il-pajsaġġ, il-poeti Maltin jistħarrġu dawk li Oliver Friggieri jsejħilhom "is-sigrieti dejjiema tan-natura".

2. Fid-daħla għall-antoloġija *Il-Poeżija Maltija*, Oliver Friggieri jsejjaħ il-metafora "l-lingwa unika" tal-poeti. Kif tidher din il-karatteristika essenzjali fil-poeżija dwar il-ġens Malti?

**(Total: 10 marki)**

## TAQSIMA B: MONOGRAFIJI POETIĊI

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet.**

1. Waħda mit-tekniki letterarji li tinqeda bihom Maria Grech Ganado hija dik tat-ton ironiku. Kif tħaddem l-ironija din il-poetessa u x'inhuma l-effetti tagħha?

2. Waqt li tinsisti fuq l-individwalità tagħha, Maria Grech Ganado tuża l-poeżiji biex tesplora u tikkrea individwalità li l-ħin kollu tiżviluppa għax tinsab f'ambjent u f'relazzjonijiet li dejjem jinbidlu.

3. Fil-poeżiji tiegħu li fihom element reliġjuż, Pawlu Aquilina jinqeda bi xbihat u metafori, bħal dik tad-dawl, li huma tipiċi tal-poeżija Romantika Maltija u aktarx għandhom għeruq Bibliċi.

4. Pawlu Aquilina jgħid li l-bniedem li qed jitkellem fuqu fil-poeżija "Għax kien Poeta" għadu "jferraħ u jbikki 'l qalb u r-ruħ" għax kien poeta. X'inhuma r-riflessjonijiet ta' Pawlu Aquilina dwar il-funzjoni tal-poeta u tal-poeżija inġenerali fil-*Monografija* tiegħu?

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ: IL-KRITIKA LETTERARJA (POEŻIJA)**

**Agħżel WAĦDA minn dawn iż-żewġ poeżiji.**

**Agħmel stħarriġ kritiku fit-tul u bir-reqqa tal-poeżija li tagħżel, skont ix-xejriet tematiċi u stilistiċi tagħha. Analizza l-poeżija fiha nfisha bħala xogħol sħiħ, daqskemm biċċa biċċa bħala ġabra ta' elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Agħti importanza ewlenija lill-unità tal-poeżija, lill-metrika, lit-tqassim tal-istrofi, lix-xejriet tal-frażjoloġija, lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, fosthom il-metafori, u lill-għażla tal-kliem.**

1.

## Storja Skura

Issa li s-sema ċċara nħares lura,
bil-mod il-mod il-ħalel qegħdin jorqdu,
mill-oċean ma tasal ebda ragħda.
Stennieni nħoll il-qlugħ u nsib l-imqadef
biex nidħol bħal ħalliel ferħan fil-qala.
Hawnhekk l-istess ċafċifa ddur mad-dgħajsa,
il-ħut iż-żgħir jittawwal bla ma jibża',
il-moll ħanin jistenna, jien nittama.
Minn kull nawfraġju toħroġ storja skura
li hawn fil-moll kulħadd irid jismagħha.

Oliver Friggieri
*(minn Il-Poeżiji Miġbura)*

**JEW**

2.

**jien l-art**

għalik terapist għax int it-trab

terapist tiegħi ġejt għandek
– għedtli *l-ħajja turġien*
*tlajja' u nżul ibq' għaddejja*
*'il fuq jew 'l isfel*
*aqtagħha*

u jien bqajt quddiemek niflik
nisfidak u niflik – sakemm tiskot

*itlaq l-imgħoddi u imxi*
*kun – kun l-art imtarrġa*
*u ħoss – ħoss ġismek imtarraġ*
*u għidli*

ngħidlek

*jien l-art – terapist – u int it-trab*
*– għax int raġel*
*minn fuqna għaddej iż-żmien*

*jien l-art – terapist – u int it-trab*
*u minn tarġa tiegħi għal oħra jgelgel il-wied*
*jipprova jikinsek*
*– tkaxkar int tkaxkar fuqi*

*jien l-art – terapist – u int it-trab*
*u jien l-art u jien dik li jien*
*tipprova twittini u taħdimni*
*– tinduna kif tinħadem int*

*jien l-art – terapist – u jien jien*
*u niftaħ beraħ saqajja f'wiċċek*
*u nagħżel li nibqa' f'dil-qiegħa*

*– xħin trid qandilni*

Simone Inguanez
*(minn ftit mara ftit tifla)*

**(Total: 10 marki)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-MSIDA

L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
SETTEMBRU 2017

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | III |
| **DATA:** | 6 ta' Settembru 2017 |
| **ĦIN:** | mid-9.00 a.m sa 12.05 p.m |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Kull tweġiba għandha tkun twila bejn 500 u 600 kelma.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Wieġeb kull mistoqsija b'rabta sħiħa mat-test.

## TAQSIMA A: ID-DRAMA

### Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet:

1. Ħin minnhom fid-dramm *Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* ta' Alfred Sant, Lisor u Banerji jibdew jitkellmu fuq dramm li skont Lisor "jibda qisu thriller politiku, imbagħad wara xi ħin, jaqleb qisu kien fantasija... stil Peter Pan... u jkompli qisu sar dibattitu dwar strateġija ta' żvilupp politiku u ekonomiku..." Kemm taħseb li dan huwa kumment dwar *Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* stess?

2. Iddiskuti l-fehma tal-kritiku Marco Galea li ħafna mid-dramm *Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* ta' Alfred Sant "jista' jinqara bħala diskussjoni ta' stili differenti ta' tmexxija, modi differenti kif titwettaq ir-riforma ekonomika u analiżi ta' firxa wiesgħa ta' motivi li jwasslu lin-nies biex jinvolvu ruħhom fil-politika".

3. Id-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer jista' jitqies bħala espressjoni tax-xewqa kbira tal-bniedem li jkun ħieles. Int u tiddiskuti dan il-punt, iffoka fuq il-personalità tal-protagonista, Menz, bniedem timidu u fl-istess ħin deċiż.

4. Waħda mill-interpretazzjonijiet li jipproponi Oliver Friggieri tat-tmiem tad-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer hi li Menz ingħata l-velenu minn Tereża bil-għan li "tħarislu l-integrità tiegħu bħala bniedem li ħabb il-libertà mingħajr ma ġġieled għaliha bil-qawwa". Fid-dawl ta' din l-interpretazzjoni, ikteb dwar il-funzjoni tal-karattru ta' Tereża f'dan id-dramm.

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA B: IN-NARRATTIVA

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet:**

1. Skont Oliver Friggieri, f'Lino Spiteri "r-realtà hi spunt biex tiftiehem verità u biex jinsilet minnha prinċipju universali, li jista' jgħodd hawn u issa, jew kullimkien u dejjem." Taqbel ma' din l-analiżi ta' Friggieri tal-ġabra *Ħala taż-Żgħożija u Stejjer Oħra*?

2. Kemm taħseb li t-tematika u l-istil letterarju tan-novella "Ħala taż-Żgħożija" huma rappreżentattivi tan-novelli kollha fil-ġabra ta' Lino Spiteri, *Ħala taż-Żgħożija u Stejjer Oħra*? Saħħaħ it-tweġiba tiegħek b'riferimenti għal elementi stilistiċi u tematiċi partikulari.

3. *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer huwa eżempju ta' rumanz mibni kollu kemm hu fuq il-karattru ewlieni. Il-ħsieb, it-taħdit u l-imġiba tiegħu jorbtu flimkien lill-elementi li jsawru r-rakkont. Waqt li tikkummenta fuq din l-istqarrija, għid jekk taħsibx li din hija kwalità pożittiva fir-rumanz, jew limitu.

4. Lejn il-bidu tal-Ewwel Ktieb tar-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer, "Żmien il-Hena u l-Ħlewwa", in-narratur jgħid li f'Ħaż-Żgħir kien hemm "il-bosta li kienu jaħbu għommithom, ta' boloh li huma, biex ma jagħtux xi jgħidu lil dawk li jifirħu bid-deni". Taħseb li Leli kien wieħed minn dawk li kienu jaħbu l-inkwiet tagħhom u li dan l-ambjent ta' ħabi kien wieħed mill-kaġuni tal-marda li fnietu?

**(Total: 10 marki)**

## TAQSIMA Ċ: IL-KRITIKA LETTERARJA (PROŻA)

**Agħmel analiżi kritika dettaljata ta' WAĦDA minn dawn iż-żewġ siltiet ta' proża.**

**F'dan it-taħriġ tagħmilx taqsira tas-silta magħżula. Is-silta ta' proża trid tistħarriġha fiha nfisha skont il-binja tagħha – narrattiva, deskrittiva, riflessiva, jew il-bqija – daqskemm bħala l-ġabra tal-elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Agħti importanza ewlenija lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, lill-binja sintattika tas-sentenzi, lit-tonalità, lir-ritmu li fiha, lill-għażla tal-kliem, u lil kulma jirrendiha letterarja.**

**JEW**

1.

In-nannu kien jibda u ma jiqafx, ixejjer idejh daqs par ġwienaħ ħelwin ta' għasfur tal-bejt. Ħuti kienu jitilqu minn ħdejh u hu mank kien jinduna. Ma nafx għaliex, dik id-darba ħuti kienu qagħdu ftit aktar mis-soltu, iżda ħarira wara dabbru rashom. Jien intasabt inħares lejh, nimraħ fuq ix-xagħar ta' għajnejh u ta' fuq imnieħru, nintilef fuq kemm għandu xagħar f'widnejh jew kemm hi maħmuġa l-beritta jew kemm hi ħoxna l-ħġieġa tan-nuċċali u xi jridha dik il-biċċa bajda mehmuża mat-terħa ta' ħżiemu.

Insomma, lejjlet il-Milied kif kont mitlufa nifli lin-nannu, daħlet in-nanna u,

"Pawl, dis-sena mmorru għand oħtok Rożi għall-Milied. Immorru Għawdex."

Hu lanqas biss tħarrek.

“Fhimtni jew ittarraxt?”

“U mur fejn trid. Jien minn hawn ma nitħarrekx...”

“Imma kemm int fehmi! Rasek taż-żonqor.”

“U iwa, u iwa, inti mur u lili ħallini bi kwieti...”

“Issa billi toqgħod imsakkar hawn, mirżuħ, għassa ma’ żewġ qtates, x’se tieħu? Isma’ minni Pawl u...”

Imma n-nannu kien ġa tilef l-interess, qal li kellu jgħid, ċar u tond, bla tlaqliq, ġabar il-lastiku minn taħtu u rħielha għal fejn hemm mhux biss xemx, iżda xi ftit aktar sabar u sliem.

Paul P. Borg
*(minn Beżgħat)*

**JEW**

2.

Jack qatt ma sar jaf kif bdiet dil-fissazzjoni biċ-ċwievet. Forsi kienu l-istejjer li kien jirrakkontalu nannuh huwa u jħażżeż bil-lapes fuq kull biċċa laqx ta’ karta li kien isib. Nannuh ma kienx jaf jirrakkonta jekk ma jħażżiżx.

U nannuh anke waqt li jiekol kien jirrakkonta, bl-imgħarfa f’id waħda u bil-lapes f’idu l-oħra. B’hekk kienet tinżel is-soppa għand nannuh. Għand nannuh dejjem soppa kien jiekol. U waqt li nannuh kien iħażżeż fuq sarvetta tal-karti, Jack kien jibda jdawwar ċrieki u jpinġi forom ġo forom u jlaqqat il-qiegħ tal-platt biex ikun jista’ jkompli jpinġi. Imbagħad subgħajh kienu joħorġu mill-platt u jdellek ċrieki tal-ilma fuq id-dvalja tal-plastik. U forsi ma kienx jismu Jack, imma kien jistħajjel li kien Jack, dak li kien tela’ ma’ zokk ta’ siġra ġganta tal-ful u sar sinjurun. Nannuh kien jibda jpinġi spiralli ġo spiralli u s-siġra tal-ful kienet dejjem tikber. Iżda hu kien iħossu maħnuq ġol-friegħi tagħha. Kien jinqabad ġo dawk iċ-ċrieki filwaqt li nannuh jibqa’ jissikka u jħażżeż. Dejjem xtaq jaf kif kien irnexxielu joħroġ mit-taħżiż imdawwar miegħu l-eroj tal-istorja. Xtaq ikun bħall-eroj tal-istorja. Forsi jekk jirnexxilu joħroġ minn dak il-garigor imdawwar, jaqsam iċ-ċirku tal-quċċata u jaħrab, kien isib teżor huwa wkoll. Imma n-nannu donnu ried jaqflu biex jisma’ l-istejjer tiegħu biss.

Rita Saliba
*(min-novella “Ċwievet” f’Satin)*

**(Total: 10 marki)**